FGURA

Minuti tal-laqgħa (laqgħa urġenti) numru tlieta u erbgħin tas-sitt Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum it-Tlieta 8 ta' Marzu 2011 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-7.30pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Is-Sur Byron Camilleri |
| **Viċi Sindku** | Is-Sur A.Degiovanni |
| **Kunsillieri:** | Is-Sur S Camilleri<br>Is-Sinjura R Cutajar<br>Is-Sur M Lombardo – 7.33p.m<br>Is-Sur P Dalli<br>Chev. D Marmara` KLJ – 7.37p.m<br>Is-Sur C Bonello |
| **D/Segretarju:** | Is-Sur P. Massa |

Is-Sur A Debono talab li jkun skużat mil-laqgħa minħabba mard.

Il-Kunsill iddeċieda li r-raġuni kienet ġustifikata u għalhekk approva li s-Sur A Debono jiġi skużat għal-laqgħa.

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

**1.0 Tenders**

1.01 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li daħlet offerta waħda għall-Kuntratt tal-*Upgrading works of roundabout at Hompesch Road intersection with St. Thomas Street, Fgura.* Din kienet mingħand il-Kuntattur Renell Co. Ltd għas-somma ta' €42,479.34.

Wara li saret diskussjoni, s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2951/11/6 "Dan il-Kunsill jiddeċiedi li ma jaċċettax l-unika offerta għal RBT-17-10 billi taqbeż b'mod eċċessiv l-istima tal-perit". Din kienet sekondata mis-Sur S Camilleri. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sinjura R. Cutajar.
Kontra – Sur C Bonello, Sur M Lombardo
Astenzjonijiet – Sur D Marmara`.

MAYOR, Vicemayor, Councillors, Dep & Cl. Staff

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 2951/11/6 kienet approvata b'ħames voti favur, żewġ voti kontra u astenzjoni waħda.

1.02 Is-Sindku spjega li peress li issa jeħtieġ li terġa teħtieġ tinħareġ offerta, kien qed jirrakomanda li l-Kunsill jeżerċita d-dritt tiegħu li l-offerti jintlaqgħu f'anqas minn 30 jum.

Wara li saret diskussjoni, s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2952/11/6 "Sabiex terġa tinħareġ tender RBT-17-10 bit-terminu ta' 15 –il ġurnata". Din kienet sekondata mis-Sur S Camilleri. Il-mozzjoni ref: 2952/11/6 kienet approvata nem con.

1.03 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li daħlu ħdax-il offerta għall-Kuntratt tal-*Collection of Bulky Refuse*. Skeda tal-offerti li daħlu annessa Dok'A'.

Wara li saret diskussjoni, s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2953/11/6 "Sabiex dan il-Kunsill jgħażel lil Dimbros Ltd għal tender BR-17-11 peress li hija l-aktar cost effective". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Il-mozzjoni ref: 2953/11/6 kienet approvata nem con.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.50p.m.

Sindku

D/Segretarju